# Qabbel dawn is-siltiet mir-rumanzett *Il-Ħarsa ta' Rużann* mal-avveniment jew perjodu storiku:

| | | | |
|---|---|---|---|
| a | Kien hemm mijiet ta' feruti kull fuq gverta. Bastiment wara l-ieħor. Il-Port il-Kbir kien miżgħud bihom... Tobba u servjenti tal-isptarijiet Maltin u Ingliżi qaqoċċa fuq il-mollijiet... | 1 | Ir-Rivoluzzjoni Russa (1917)   |
| b | U f'daqqa waħda kull min kien fil-ħanut beda jgħajjat kemm jiflaħ il-fehma tiegħu, dwar jekk hux iswed jew abjad, slavaġ jew le... | 2 | Ir-Repubblika (1974)  |
| ċ | "Smajt li waslu hawn Malta biex jaħarbu mir-rivoluzzjoni. Qegħdin joqogħdu xi mkien lejn Tas-Sliema...Xi prinċep għandu jkun, minn ta' qrib nett il-Kżar, u ma nafx kemm-il konti, bil-familji tagħhom." | 3 | L-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918)   |
| d | "Ridt ngħaddilu għal ġo moħħu mqar xrara waħda minn dik il-fjamma l-ġdida li kienet qiegħda ddawwal l-Ewropa." | 4 | Is-Sette Giugno (1919)  |
| e | ...għenet kemm felħet lil missierha u lil ommha u lil bosta oħrajn iduru b'nies, l-aktar tat-Tlitt Ibliet, li kienu tilfu djarhom u kulma kellhom. Kien f'dawk il-jiem ta' bombi, ċaħda, għaks u qerda, li bdiet tikber u tixtered ġo fiha x-xewqa li tagħti s-sehem tagħha biex jonqsu l-inġustizzji... | 5 | It-Tieni Gwerra tal-Buweri (1899-1902)  |
| f | ...ħarġu bħal ilpup barrija biex jagħmlu ħerba minn razzett. Farrku u ħarbtu kulma ġie għal idejhom. Lit-tfal werwruhom. | 6 | L-irvellijiet tas-snin erbgħin tas-seklu dsatax  |
| ġ | "Għadna kemm tlajna mill-festi... u xtaqna nimxu s'hawn," qaltilha bintha filwaqt li ġibdet lill-għarus tagħha għal qribha. | 7 | Il-Ħallelin tax-Xuxana (1878)  |
| g | Wieħed minn ħutu, ħaddiem fid-Dokjard tal-Armirall, kien minn tal-ewwel fost il-folla, b'bandiera Maltija tperper f'idu. Kien miraklu tassew li ma laqtitu l-ebda balla tas-suldati Ingliż | 8 | It-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945)  |

| a | b | ċ | d | e | f | ġ | g |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |